

Talbiet

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ĝeneralu jogħġo bħa:

- tannulla l-Formola ta' Talba għal Servizzi tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini Nru SC002, fil-kuntest tal-Ftehim Qafas EMA/2012/10/ICT, li ġie kkomunikat lir-rikorrenti fit-22 ta' Mejju 2015, permezz ta' posta elettronika mill-Kap tal-Unità Ċentrali tal-Provvisti; u
- tikkundanna lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-ispejjeż kollha tar-rikorrenti

Motivi u argumenti prinċipali

Fil-fehma tar-rikorrenti, il-Formola ta' Talba għal Servizzi kkontestata għandha tiġi annullata skont l-Artikolu 263 TFUE, għaliex l-EMA bidlet il-kriterji ta' għoti li kienu stabbiliti fl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi, u introduċiet kriterji ġodda fl-istadju fejn tintbagħha il-formola ta' talba għas-servizzi ta' analisti tan-negozju (Business Analysts).

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2015 – Almashreq Investment Fund vs Il-Kunsill

(Kawża T-463/15)

(2015/C 337/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Almashreq Investment Fund (Damas, is-Sirja) (rappreżentant: E. Ruchat, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tiddikjara r-rikors tar-rikorrenti ammissibbli u fondat;
- konsegwentement, tannulla d-Deċiżjoni (PESK) 2015/837, tat-28 ta' Mejju 2015, u l-atti ta' implementazzjoni sussegwenti tagħha, sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikkors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-432/11, Makhlouf vs Il-Kunsill⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU C 290, p. 13.